18 ta' Frar, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Salvu Psaila

## Reat tar-Raġel li Jħalli l-Mara u t-Tfal fil-Bżonn — Prova.

*Ir-raġel li huwa f'saħtu u żagħżugħ għandu kontra tiegħu l-preżunzjoni li huwa jista' jġib xogħol jekk ifittxu bl-enerġija u b'intenzjoni tajba; u għalhekk il-fatt li huwa ma jaħdemx f'ċirkustanzi simili jammonta għall-iżregolatezza jew indolenza li hija wieħed mill-elementi tar-reat tal-kap ta' familja li jħalli lill-mara u lill-ulied fil-bżonn.*

*F'każ bħal dan huwa l-imputat li għandu jagħmel il-prova li huwa ma sabx xogħol x'jagħmel. Għax għalkemm ir-regola hija illi l-"onus probandi" huwa mixħut fuq il-Prosekuzzjoni, din ir-regola tista' ssofri eċċezzjonijiet, fosthom dik meta l-Prosekuzzjoni tkun ġà ppruvat xi fatt jew ċirkustanza li toħloq "prima facie" preżunzjoni favur tagħha. Jekk il-Prosekuzzjoni tipprova l-età u s-saħħa ta' l-imputat, taqa' fuqu l-prova li huwa ma ħadimx għax ma sabx xogħol.*

Fuq l-imputazzjoni illi abbandvna lil martu Rosaria u t-tfal fil-bżonn minħabba ħajja ħażina jew nuqqas ta' kont għax-xogħol, l-insemmi Psaila, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tas-6 ta' Diċembru 1947, ġie misjub ħati u kundannat għall-piena tad-detenzjoni għal żmien erbat ijiem;

Trattat l-appell tiegħu minn din is-sentenza, din il-Qorti kkunsidrat;

Irriżulta mill-provi illi l-imputat ilu sitt xhur ma jagħti manteniment lil martu u ż-żewġ ulied ta' tlieta u sitt snin rispettivament;

Dan hu wieħed mill-elementi ta' dan ir-reat. Hemm bżonn li jkun hemm anki jew l-iżregolatezza jew l-indolenza;

L-imputat għandu biss 33 sena; ma ġiex lanqas biss allegat li hu b'xi mod fiżikament inkapaċitat. Id-difiża ma ppruvatx bl-ebda mod li l-imputat fittex xogħol f'dan il-perjodu ta' sitt xhur — prova meħtieġa biex tiġi spostata l-preżunzjoni li titnissel favur il-Prosekuzzjoni, fis-sena li ra-

ġej żagħżugħ u b'saħħtu verosimilment għandu jsib xogħol, jekk ifittxu bl-enerġija u intenzjoni tajba. Jekk ikun għamel ħi sena' u ma sabx xogħol, hu mistenni li jagħti huwa prova ta' daqshekk, mentri l-imputat odjern xejn ma pprova, lanqas biss offra x-xhieda tiegħu li kien ġa ta quddiem il-Maġistrat. Hu prinċipju riċevut mill-ġurisprudenza, illi r-regola li l-"onus probandi" hu mixħut fuq il-Prosekuzzjoni tieta' ssofri eċċezzjonijiet, fosthom dik meta l-Prosekuzzjoni tkun diġà ppruvat xi fatt jew ċirkustanza (f'dan il-każ l-età u s-saħħa ta' l-imputat) li tohloq preżunzjoni "prima facie" favur il-Prosekuzzjoni, speċjalment meta l-prova li għandha ssir (f'dan il-każ li l-imputat fittex u ma sabx xogħol) "lies peculiarly within the knowledge of the accused" (ara sentenza ta' din il-Qorti "Pulizija vs. Catania", 26. 6. 1937; u ara wkoll Taylor "On Evidence", Vol. I, p. 288, para. 371 et seq.; u Powell "On Evidence", p. 155);

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.